

# Sliema jsiru champions

### It-Tlettax-il Ġurnata

**Gżira Utd. FC Bye.**

**20-03-1965: Sliema Wdrs. FC - Floriana FC 2-1 H.T 1-1 Ref: Frans Grech**
**Skurjaw: E. Aquilina (S) 15', Ż. Alamango (F) pen. 19' u L. Micallef (S) 55'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Floriana FC:** Charles Fabri, Norman Scott, Pullu Bartolo, Frankie Micallef, Lolly Debattista, Lolly Borg, Louis Bugeja, Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Hugh Caruana, Edward Azzopardi.

1. B'din ir-rebħa Sliema Wdrs. FC saru Champions tal-kampjonat 1964-65. Huma issa kellhom tliet punti vantaġġ fuq Valletta meta kien għad fadal partita waħda għat-tmiem.
2. Fl-10 minuta Joe Cini falla milli jiftaħ l-iscore għall-Wanderers meta kellu penalty li marlu barra.
3. Ir-referee Frans Grech kien ħanin ma' Joe Cini meta hekk kif ipprovda l-pass li minnu Leli Micallef skorja l-goal tar-rebħa huwa ġera lejn il-partitarji Slimiżi, qabeż iċ-ċint u ħadha kontra xi partitarji Slimiżi li kienu bdew jgħajjruh ftit qabel. Huwa rritorna u kompla jilgħab.
4. F'żewġ okkażjonijiet differenti l-partitarji Beltin li kienu preżenti fil-Valletta side u li kellhom interess qawwi f'din il-partita rrifjutaw li jitfgħu l-ballun lura minħabba li ħassew li d-difensur Slimiż Joe Aquilina u warajh Joe Cini kienu xxuttjaw apposta l-ballun fuqhom. Mument minnhom il-logħob waqaf għal ħames minuti qabel ma l-ballun ittieħed lura u l-partita setgħet tasal sat-tmiem.
5. Il-penalty li ġie skurjat minn Żarenu Alamango ħabat mal-lasta u ma ras il-goalkeeper Freddie Debono qabel ma ntemm fix-xibka.

**28-03-1965: Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 8-0 H.T 3-0 Ref: Anthony Galea**
**Skurjaw: C. Zammit (Ħ) 12', F. Xuereb (Ħ) 23', G. Briffa (Ħ) 41', E. Spiteri (Ħ) 51' u 56' u G. Briffa (Ħ) 67', 77' u 78'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Donald Hawkins, Patistu Attard, Joe Stanmore, Lino Cauchi, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Albert Calleja, Charlie Zammit, Gejtu Briffa, Charles 'It-Topsy' Aquilina (Edward Spiteri), Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

**Rabat FC:** Pawlu Galea, Żarenu Vella, Robert Ebejer, Joe Cassar, Johnnie Azzopardi, Victor Azzopardi, Emmanuel Muscat, Lino Spiteri, Freddie Wilson, Frans Micallef, Lolly Azzopardi.

1. Din il-partita suppost li ntlagħbet fil-21 ta' Marzu 1965 iżda kellha titħassar minħabba luttu fil-familja tal-Manager tal-Istadium.
2. B'din it-telfa Rabat FC sfaw relegati għat-Tieni Diviżjoni.

**04-04-1965: Valletta FC – Hibernians FC 2-1 H.T 2-0 Ref: Pawlu Bonnett.**
**Skurjaw: T. Calleja (V) 15', F. Zammit (V) 25' u L. Young (H) 87'.**

**Valletta FC:** Mike Galea, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Tony Connor, Joe Cutajar, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Tony Attard, Victor Grima, Alfred Mallia, Freddie Delia, Tony Griffiths, Norman Buckle, Lorry Young, Edward Darmanin, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

1. Il President tal-FIFA Sir Stanley Rous kien preżenti għal din il-partita. Huwa ppreżenta wkoll it-Tazza Johnnie Walker lill-captain ta' Sliema Wanderers Robbie Buttigieg. Flimkien mal-uffiċjali l-oħra tal-FIFA Ken Aston u Harold Hassall huma segwew l-ewwel taqsima tal-partita Valletta FC – Hibernians FC.
2. Fis-70 minuta Tony Griffiths ta' Hibernians laqat il-wieqfa minn penalty. Il-ballun reġa' ġie għandu iżda l-logħob twaqqaf minħabba li l-player ma setax imiss il-ballun darbtejn mingħajr l-intervent ta' player ieħor.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 19-il pt.; Valletta FC 18-il pt.; Hibernians FC 14-il pt.; Floriana FC 11-il pt.; Ħamrun Sp. FC 8 pti.; Gżira Utd. FC 6 pti.; Rabat FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) u J. Cini (Sliema Wdrs. FC) 11 goals; F. Zammit (Valletta FC) 10 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 9 goals; T. Calleja (Valletta FC) 8 goals; L. Micallef (Sliema Wdrs. FC) 7 goals.

## L-Erbatax-il Ġurnata

**Valletta FC Bye**

**03-04-1965: Ħamrun Sp. FC – Sliema Wdrs. FC 2-2 H.T 1-1 Ref: George Busuttil.**
**Skurjaw: G. Briffa (Ħ) 10', R. Cocks (S) 25', J. Cini (S) 68' u G. Briffa (Ħ) 89'.**

**Ħamrun Sp.** FC: Charlie Buttigieg, Patistu Attard, Joe Stanmore, Joe Cauchi, Leli Micallef, Johnnie 'Il-Lolu' Zarb, Edward Spiteri, Albert Calleja, Gejtu Briffa, Charlie Zammit, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

**Sliema Wdrs.** FC: Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Alfred 'Il-Paper' Debono, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici (George Cuschieri 63'), Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

1. B'goal fl-aħħar minuta tal-logħba l-Ispartans kisbu l-punt li kellhom bżonn sabiex iserrħu rashom mir-relegazzjoni. Sliema Wdrs. FC kienu diġa' Champions.
2. Sliema Wdrs. FC kellhom lura fit-team lil Freddie Debono 'Il-Paper'. Huwa daħal minflok il-left-back Joe Aquilina li telaq lejn l-Ingilterra. Aquilina kien naqas ukoll milli jidher quddiem il-Kunsill tal-MFA biex iwieġeb għall-akkużi li nħarġu kontrih wara l-inċidenti li nqalgħu fil-konfront ma' Floriana fl-aħħar ħarġa.

**10-04-1965: Hibernians FC – Rabat FC 4-1 H.T 2-0 Ref: Anthony Galea**
**Skurjaw: o.g V. Azzopardi (H) 20', F. Delia (H) 33', Ż. Vella (R) 63' u F. Delia (H) 80' u 85'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Tony Attard, Victor Grima, Alfred Mallia, Edward Darmanin, Frans Scerri, Norman Buckle, Jimmy Mizzi (Mike Zammit), Freddie Delia, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

**Rabat FC:** Alfred Calleja, Edgar Azzopardi, Charles Pace, Tony Borg, Victor Azzopardi, Lino Spiteri, Joe Vella, Emmanuel Muscat, Żarenu Vella, Charles Cassar, Lolly Azzopardi.

1. Fl-aħħar partita tagħhom tal-kampjonat Rabat skurjaw goal minn azzjoni. Iz-żewġ goals l-oħra li kienu skurjaw qabel kienu waslu minn autogoal u penalty.
2. Hibernians FC kellhom lura lil Jimmy Mizzi fit-team tagħhom. Il-player kien ibbenefika minn Amnestija Generali li ngħatat mill-MFA jumejn qabel biex tikkommemora s-Seminar li kien sar il-ġimgħa ta' qabel u li kien immexxi minn Sir Stanley Rous. Oriġinarjament Mizzi kien weħel sena u suppost kellu jirritorna fil-31 ta' Jannar 1966.

**11-04-1965: Floriana FC – Gżira Utd. FC 1-0 H.T 0-0 Ref: Tommy Restall**
**Skorja: L. Aquilina (F) 76'.**

**Floriana FC:** Norman Vella, Norman Scott, Pullu Bartolo, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Louis Bugeja (Joe Micallef Borg 46'), Charles Galea, Żarenu Alamango (Charlie 'Il-Gejta' Farrugia 46'), Hugh Caruana, Lolly Aquilina, Lolly Borg.

**Gżira Utd. FC:** Emmanuel Vella, Alfred Cristiano, Vince Relton, Nenu Chetcuti, Charlie Parnis, Tony Ciantar, Victor Borg, George Faure', Toninu Camilleri, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Joe Galea.

1. Floriana fallew penalty fit-58 minuta meta Charles Galea xxuttja barra.